# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 321/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**John Stagno**

Illum 30 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **John Stagno**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 328685(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fis-27 ta' Ġunju 2012 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

1. ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga *methadone* speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. kontra d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta), żamm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, ħadem, biegħ jew offra għall-bejgħ jew ikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmija f'Artikolu 6 tal-istess Ordinanza, bi ksur ta' Artikolu 29(1).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur, l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-Proċess Verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Ġunju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, Taqsima I u Artikoli 2, 6 u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu u:

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, b'applikazzjoni ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħditu taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn minn dakinhar tas-sentenza bil-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni jifforma parti integrali mis-sentenza;

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni b'applikazzjoni ta' Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-piena ta' multa ta' tliet mitt Euro (€300) li kellha titħallas mill-ħati minnufih;

- fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni kkundannat lill-ħati għall-piena ta' multa ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u għoxrin Euro (€420), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi;

- l-Ewwel Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul l-Ordni ta' *Probation* jew kemm il-darba jikser xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-Ordni;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż involuti fil-ħatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ u f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż relatati mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€262.96), l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, ħamsa u ħamsin Euro u tmienja u għoxrin ċentezmu (€455.28), u l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PS 46 Charlo Casha u PC 910 Sean Pace, ammontanti għas-somma ta' mija u disa' Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€109.98), b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' tmien mija, tmienja u għoxrin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€828.22), liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tnax-il xahar minn dakinhar tas-sentenza;

- ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati magħha, Dokument CC1, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni;

- ordnat il-konfiska tal-esplosiv elevat mill-Forzi tal-Armata fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ favur il-Gvern ta' Malta;

- ordnat ukoll li kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Brigadier Jeffrey Curmi u lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal tal-*Probation* biex isegwi lill-ħati.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti fejn hemm is-sejbien ta' ħtija dwar il-ħames imputazzjoni u fejn għaliha huwa ġie kkundannat ħmistax-il elf Euro multa u minflok issibu mhux ħati tal-ħames imputazzjoni u minnha tilliberah filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju 2018.

Illi l-appell huwa limitat għas-sejbien ta' ħtija tal-ħames (5) imputazzjoni. Fl-aggravju mressaq mill-appellant huwa jargumenta li l-elementi oġġettivi tar-reat in kwistjoni ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni. L-appellant jirreferi għad-definizzjoni ta' "esplożivi" skont Artikolu 2 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u jissottometti li kien hemm ħtieġa ta' ħatra ta' espert sabiex jiġi stabbilit l-element materjali ta' dan ir-reat. Jgħid li minkejja li Jeffrey Curmi ġie maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, huwa la xehed fl-Inkjesta u lanqas waqt il-proċeduri. Jgħid ukoll li Curmi ma ppreżentax ir-relazzjoni tiegħu. Skont l-appellant ir-rapport tas-Surġent Xuereb jagħti biss deskrizzjoni ġenerika tal-oġġetti iżda ma jissodisfax dak li hu meħtieġ minħabba d-definizzjoni ta' "esplożivi". Jagħmel riferenza għal Artikolu 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li dan jirreferi għall-elenku fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu msemmi li wkoll jeħtieġ perizja teknika. Jisħaq li la l-Bombardier u lanqas is-Surġent li taw ix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri ma huma esperti f'dan il-qasam. Jargumenta li l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq l-opinjoni ta' persuna li mhijiex esperta u li hemm kostatazzjonijiet li jistgħu jsiru biss minn esperti.

Illi l-appellant jikkwota Artikoli 2, 6 u 29(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta Malta u jissottometti li l-kliem tal-liġi jindika li tinħtieġ sengħa u ħila speċjali biex ikun stabbilit jekk oġġett huwiex esplożiv jew le. Jgħid li kien impossibbli li l-Ewwel Qorti tistrieħ fuq l-istqarrija tiegħu għaliex tali dikjarazzjoni ma twassalx sal-grad ta' prova rikjest.

Illi din il-Qorti qrat u eżaminat bir-reqqa s-sentenza appellata, b'mod partikolari dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha sħarrġet il-provi dwar il-ħames (5) imputazzjoni. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza tagħha (*a fol.* 145 *et seq.*):

> "Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq opinjoni ta' espert li m'huwiex l-espert maħtur minnha u ċertament illi l-Bombardier Mizzi u s-Surgent Xuereb m'humiex l-esperti li ġew maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti u sussegwentement ikkonfermati minn din il-Qorti f'dawn

il-proċeduri. Kwindi sa fejn ix-xhieda tal-istess tmur oltre minn dak illi huma setgħu jikkonstataw bis-sensi tagħhom u fejn għalhekk huma wżaw il-ħila u s-sengħa speċjali tagħhom biex jgħidu f'hiex kienu jikkonsistu l-oġġetti in kwistjoni, il-Qorti jeħtieġilha neċessarjament illi tiskarta din il-parti tax-xhieda tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti għajr għall-kejl jew id-daqs, l-ammont u l-kulur tal-oġġetti involuti, li jistgħu jiġu kkonstatati anke minn xhud ordinarju, mill-bqija, inkluż id-deskrizzjoni tal-oġġetti bħala *petards* jew beraq u d-deskrizzjoni ta' materjal partikolari bħala porvli tas-senter huma lkoll konstatazzjonijiet li jistgħu jiġu magħmula biss minn espert fil-qasam ossia billi wieħed juża l-ħila u s-sengħa tiegħu sabiex jasal għal din il-konklużjoni u għaldaqstant, tali konstatazzjonijiet m'humiex ammissibbli bħala prova

Sorvolata din il-kwistjoni, jeħtieġ illi l-Qorti tħares lejn id-disposizzjonijiet tal-liġi li fuqhom ġiet imsejjsa il-ħames imputazzjoni kif addebitata lill-imputat odjern.

L-Artikolu 29(1) tal-Kap. 33 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

*"Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tieghu jew f'post ieħor, ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, <u>porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6</u>, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux izjed minn ħamsin elf ewro (€50,000), jew għal dik il-prigunerija u multa flimkien."* [emfażi tal-Ewwel Qorti]

L-Artikolu 6(1) tal-istess Kapitolu jipprovdi hekk:

*"Ebda kwantita' ta' dinamite, ta' gun-cotton ta' fulminat tal-merkurju jew fulminati oħra, pikrati, sustanzi li għandhom*

*bħala bażi prinċipali n-nitrogliċerina, jew sustanzi oħra li meta mħalltin ma' oħrajn jew waħedhom jistgħu jipproduċu effetti bħal dawk tad-dinamite jew ta' waħda mis-sustanzi imsemmija fl-artikolu 2, ma jistgħu jiġu wżati, mibgħuta jew ikkunsinnati mill-fabbrikanti jew mid-dettaljaturi ħlief lill-awtorita' pubblika, jew lil persuni awtorizzati b'permess iffirmat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jakkwistahom fil-kwantita' msemmija fil-permess".* [emfażi tal-Ewwel Qorti]

L-Artikolu 2 imbagħad jgħid hekk:

*"il-kelma "esplożivi" tfisser –*

*porvli tal-isparar, nitrogliċerina, dinamite, gun-cotton, porvli għal mini, fulminat tal-merkurju jew ta' metalli oħra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju, u kull sustanza oħra, sew bħal dawk hawn imsemmija jew xort'oħra, użata jew maħduma sabiex tipproduċi riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett pirotekniku; u tfisser ukoll sinjali ta' ċpar, xogħlijiet tan-nar, miċeċ, murtali tal-ftuħ, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skrateċ, munizzjon ta' kull xorta, u kull addattament jew preparazzjoni ta' esplożiv kif imfisser hawn fuq."* [emfażi tal-Ewwel Qorti]

Issa għalkemm il-Qorti qegħda tiskarta bħala inammissibbli x-xhieda tal-Bombardier Joseph Mizzi u tas-Surġent Brian Xuereb, biss fl-istqarrija tiegħu, l-imputat stess jammetti x'kienu l-oġġetti misjuba fil-pussess tiegħu ossia kif ingħad *"beraq, bombi, uħud minnhom vojta, u xi sufarelli"*, li dawn sabhom fil-festa ta' Ħaż-Żabbar u illi kien ġabarhom bil-ħsieb li jaħraqhom, iżda tefagħhom hemm u ma ħaraqhomx. Huwa evidenti għall-Qorti minn din il-parti tal-istqarrija tal-imputat illi l-oġġetti misjuba fil-pussess tiegħu kif deskritti minnu stess kienu tali illi jipproduċu riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett pirotekniku, kif trid il-liġi. Anke l-fatt illi l-imputat stess jallaċjahom mal-festa ta' Ħaż-Żabbar u jgħid illi kien bi ħsiebu jaħraqhom, ma

jħalli l-ebda dubju illi dawn kienu tali li jipproduċu l-effett appena msemmi. M'hemmx dubju imbagħad illi dawn l-oġġetti nstabu ġewwa r-residenza tal-imputat u in oltre bil-fatt illi huwa jgħid illi sabhom u ħallihom hemm, illi l-istess imputat ma kellu l-ebda liċenza sabiex iżomm tali esplosiv.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja."

Illi kien għalhekk li nħatar perit waqt l-Inkjesta Maġisterjali. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li dan ma xehedx. Jirriżulta li ġew ippreżentati r-ritratti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li f'dan il-każ, kif ġie sottolineat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, hemm l-ammissjoni tal-appellant stess magħmula fl-istqarrija tiegħu liema stqarrija turi biċ-ċar li kien jaf fuqhiex qed jitkellem.

Illi fir-Rikors tal-appell tal-appellant ma hemm ebda aggravju dwar l-istqarrija u dana minkejja li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta ngħad is-segwenti mill-konsulent legali tal-appellant (*a fol.* 166):

"Punt ieħor addizzjonali lanqas ħassejt li kelli nqajjmu, ħa nsemmieh *en passant* għax jirriżulta, l-istqarrija kienet minnha nfisha inammissibbli għal raġunijiet ovvji li ttieħdet b'leżjoni tad-drittijiet ta' John Stagno. Dan il-punt ma qagħadtx inqajjmu lanqas quddiem l-Ewwel Qorti għas-sempliċi raġuni li l-istqarrija waħidha ma kienet twassal għal imkien. Pero' tajjeb issa f'dan l-istadju li allura qed nattakka s-sejbien ta' ħtija a bażi tad-

deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tistrieħ fuq l-istqarrija. L-istqarrija minnha nfisha kienet difettuża għaliex meħuda bil-mod kif kienet meħuda".

Illi aktar tard fl-istess sottomissjonijiet imsemmija, il-konsulent legali tal-appellant jgħid (*a fol.* 168):

> "Nagħmilha ċara, l-argument jekk hux ammissibbli jew le l-*istatement* jiena għalija huwa sekondarju [...]. Jien qed nagħmilha ċara illi bid-dikjarazzjonijiet volontarji, ammissibbli ta' l-imputat, il-Qorti raġjonevolment legalment tasal to a *safe and satisfactory judgment, conviction*, illi l-oġġetti misjuba kienu dawk li jistgħu jipproduċu b'mod prattiku splużjoni? Anka l-kliem tal-liġi, tant hu tekniku li huwa evidenti li inti oġġett billi tħares lejh u tgħid li huwa berqa, ma wasaltx għal dak li qed tgħid il-liġi."

Illi dwar l-istqarrija rilaxxata mill-appellant din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah**[1] (Numru 10/2008) ingħad is-segwenti:

> *"The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."*

Illi mill-istqarrija jirriżulta li l-appellant ngħata twissija u ġie nfurmat li ma kienx obbligat li jitkellem. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien offrut l-għajnuna legali skont kif xehed l-iSpettur

[1] Din is-sentenza għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1).

iżda huwa rrifjuta li jkun assistit minn avukat. B'hekk tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma għandha xejn xi jżommha milli tieħu konjizzjoni ta' dak li hemm fl-istqarrija li hemm fl-atti proċesswali, kif *del resto* għamlet l-Ewwel Qorti.

Illi Artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeskludix sitwazzjoni fejn wieħed, per eżempju, jaf li seraq id-deheb fejn dan jista' jammetti li l-oġġett huwa tad-deheb għaliex jaf li l-ħatra ta' espert tista' tfisser aktar spejjeż għalih.

Illi l-appellant jisħaq li l-ħatra ta' espert u x-xiehda tiegħu kienu indispensabbli u li l-Qorti ma setgħetx tgħaddi mingħajr din it-tip ta' prova. Kien ikollu raġun l-appellant kieku kienu sodisfatti żewġ fatturi f'daqqa: (a) l-eżistenza ta' kontestazzjoni dwar in-natura tal-materjal **u** (b) li kieku ma kienx hemm dak li ntqal fl-istqarrija tiegħu stess jew li l-istqarrija kienet teżisti bid-dettalji imma kienet inammissibbli. Għandu jingħad li l-appellant stess wera biċ-ċar li kien jaf x'kienet in-natura tal-ħaġa li kien jippossjedi.

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha raġonevolment u legalment u għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant John Stagno u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dik il-parti fejn ġie ordnat li kopja tas-sentenza tiġi mibgħuta lill-eks Brigadier Jeffrey Curmi u dana minħabba li ma hemmx il-ħtieġa li jsir hekk.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |